*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta' Ottubru, 2009*

*Taqsima B*

**A.L. 300 tal-2009**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2009 dwar is-Setgħat li għandhom Uffiċjali Awtorizzati fil-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 dwar is-Setgħat li għandhom Uffiċjali Awtorizzati fil-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk.

Setgħat li għandhom l-uffiċjali awtorizzati.

**3.** Kull uffiċjal awtorizzat jista':

(a) jidħol u jispezzjona xi żona, fond jew vettura;

(b) jeħtieġ lil xi persuna twieġeb kull mistoqsija jew iġġib kull *record* li dik il-persuna jkollha kontroll fuqu dwar xi attivitajiet li jkunu qegħdin jitwettqu f'xi żona, fond jew vettura;

(ċ) jispezzjona, jislet jew jeleva kull *record* jew jagħmel kopja ta' kull *record* li jkollu x'jaqsam mal-kontroll tat-tabakk ikun kif ikun il-mod li bih jinżamm u, meta xi *record* jinżamm permezz ta' *computer*, dak l-uffiċjal għandu jkun jista' jasal għalih, jispezzjonah u jivverifika t-tħaddim ta' kull *computer*, kull tagħmir li jkollu x'jaqsam miegħu jew materjal li jkun jew li kien jew li seta' intuża f'dak li jkollu x'jaqsam ma' dawk ir-*records*, u huwa jista' barra minn hekk lil kull min ikun inkarigat, jew ikun xort'oħra involut fit-tħaddim ta' xi *computer*, tagħmir jew materjal ieħor biex jagħtih kull għajnuna li huwa jkun jista' raġonevolment jeħtieġ;

(d) jitlob it-traduzzjoni ta' xi dokument għall-Malti jew għall-Ingliż;

(e) jeżamina jew jispezzjona kull ħaġa li huwa jsib f'xi żona, fond jew vettura;

(f) jimmarka, jagħlaq sew, jissiġilla, jiġbor u jieħu kampjun ta' kull ħaġa li jsib f'xi żona, fond jew vettura;

(g) jiftaħ kull kontenitur, reċipjent jew pakkett li jsib f'xi żona, fond jew vettura;

(h) jiżen, jgħodd, iqis jew ikejjel kull ħaġa li jsib f'xi żona, fond jew vettura;

(i) jeleva kull ħaġa jew *record* li jsib f'xi żona, fond jew vettura;

(j) jissiġilla xi żona, fond jew vettura;

(k) jieħu ritratti, filmati, xbihat bit-*tape* jew bil-*video* u jagħmel kull skizz, pjanta, jew tpinġija jew xort'oħra iżomm *record* ta' xi persuna, fond jew *vehicle* jew ta' xi ħaġa li tkun tinsab hemmhekk jew f'dawk l-inħawi;

(l) jagħmel *test* jew jeżamina xi tabakk jew kull prodott tat-tabakk;

(m) jagħmel jew jitlob li jsir xi *test*, eżami jew tikjil permezz ta' xi strument, jissorvelja kull sitwazzjoni, u jagħmel kull osservazzjoni li tista' tkun meħtieġa li ssir;

(n) jagħti kull ordni li huwa jista' jqis li tkun meħtieġa għat-twettiq kif imiss ta' dan ir-regolament.

Reati.

**4.** Kull min -

(a) bil-ħsieb jostakola jew jikkaġuna ostaklu għal xi persuna li tkun qiegħda taġixxi fit-twettiq ta' dmirijietha taħt ir-regolament 3; jew

(b) mingħajr kawża raġonevoli, jonqos milli jagħti lil xi persuna li tkun qiegħda twettaq dmirijietha taħt ir-regolament 3, dik l-għajnuna jew dik l-informazzjoni li huwa jkun meħtieġ jagħtiha skond ir-regolament 3 jew taħtu; jew

(ċ) jagħti informazzjoni li jkun jaf li tkun falza jew qarrieqa,

ikun ħati ta' reat kontra l-Att.